**Mistoqsijiet Parlamentari**

**Seduta Nru. 80**
**It-Tlieta, 24 ta' Jannar, 2023 fl-4:00 p.m.**

**ĊWIEVET TA' POSTIJIET**

**4225. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il applikant ta ċ-ċwievet tal-post tiegħu, liema skema nirreferu għaliha bħala "Inċentivi għal Ritorn ta' ċwievet ta' post" matul is-sena 2021 u 2022?

21/11/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor Interpellant sabiex jinnota t-tabella hawn taħt indikata:-

| **Sena** | **Numru ta' Inkwilini** |
|---|---|
| 2021 | 8 |
| 2022 | 5 |

Seduta 80
24/01/2023

**AWTORITÀ TAD-DJAR - APPLIKAZZJONIJIET**

**4226. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il applikazzjoni hemm quddiem l-Awtorità tad-Djar minħabba sfida ta' mobilità jew minħabba li d-dar mimlija periklu?

21/11/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:**
Ninforma lill-Onor Interpellant li l-informazzjoni mitluba qed tinġabar.

Seduta 80
24/01/2023

**SOCIAL WORKERS - INGAĠĠ**

**4227. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx ippjanat li jiġu ingaġġati aktar social workers man-numru żgħir ta' erbgħa li diġà hemm?

21/11/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor Interpellant li t-tim ta' 'social workers' hu magħmul minn ħames professjonisti fil-qasam soċjali. Se jiġi ngaġġat professjonist ieħor fil-futur qrib.

Seduta 80
24/01/2023

**AWTORITÀ TAD-DJAR – RAPPORT MARBUTA MA' CONDOMINIUM**

**4228. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid x'impenn qiegħda tieħu l-Awtorità tad-Djar meta jkun hemm rapporti marbuta mal-Condominium u li anke saħansitra jkun hemm rapporti għand il-pulizija minħabba mġiba li tkun qed iddejjaq lill-kumplament tal-familji li jgħixu fl-istess blokka?

21/11/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor Interpellant li l-funzjoni tal-Awtorità tad-Djar ma tinkludix rwol ta' intermedjarju fi kwistjonijiet bejn il-ġirien. F'każijiet ta' mġieba ħażina f'binjiet ta' akkomodazzjoni soċjali l-Awtorità tieħu passi xierqa sabiex jitnaqqas l-inkonvenjent skont iċ-ċirkostanzi tal-każ. Rapport f'għassa jrid jiġi ppruvat permezz ta' sentenza tal-qorti biex ikun jista' jintuża bħala prova waqt azzjoni legali.

Seduta 80
24/01/2023

**AWTORITÀ TAD-DJAR – PERSUNI LI ŻARU L-UFFIĊINI**

**4229. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il persuna żaret l-uffiċini tal-Awtorità tad-Djar fis-snin 2021 u 2022?

21/11/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li fl-2021 u 2022 33,806 persunażaru l-uffiċinital-Awtorità tad-Djar.

Seduta 80
24/01/2023

**AWTORITÀ TAD-DJAR – FAMILJI LI JGĦIXU FI DJAR OVERCROWDED JEW SUBSTANDARD**

**4230. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-Awtorità tad-Djar tikkunsidrax familji li jgħixu fi djar overcrowded jew fi djar substandard? Jekk iva, jista' jgħid kemm hemm familji f'units overcrowded u/jew substandards?

21/11/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor Interpellant li fuq il-lista ta' stennija għal akkomodazzjoni soċjali hemm 274 applikant li jgħixu fi proprjetà overcrowded u 27 applikant li jgħixu fi proprjetà substandard.

Seduta 80
24/01/2023

**INDIVIDWI/DITTI LI JIPPROVDU SERVIZZI PROFESSJONALI LILL-AWTORITÀ TAT-TRASPORT, INFRASTRUCTURE MALTA U LILL-MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U L-PROĠETTI KAPITALI**

**4814. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid min huma l-individwi u/jew ditti li jipprovdu servizzi professjonali lill-Awtorità tat-Trasport, Infrastructure Malta u/jew il-Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali u jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra s-segwenti dokumenti:
- termini ta' riferiment għal proviżjoni ta' servizzi reżi;
- ftehim u/jew kuntratti; u
- invoices u riċevuti in konnessjoni tas-servizzi reżi?

06/12/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant jispecifika l-informazzjoni li qed tintalab f'din il-Mistoqsija Parlamentari.

Seduta 80
24/01/2023

**SIT ELETTRONIKU TAL-ECOURTS – SENTENZI TA' VJOLENZA DOMESTIKA MNEĦĦIJA**

**4815. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm każijiet fejn sentenza rigward vjolenza domestika (sew fejn l-imputat instab ħati u sew fejn ġie lliberat) tneħħiet mis-sit elettroniku tal-eCourts b'tali mod li l-pubbliku inġenerali m'għandux aċċess għas-sentenza?

06/12/2022

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor Interpellant li minn Jannar 2022 sal-15 ta' Diċembru 2022 ma kien hemm l-ebda talba sabiex sentenza relatata ma' vjolenza domestika titneħħa mis-sit elettroniku tal-eCourts u għalhekk ma tneħħiet ebda sentenza f'dan ir-rigward.

Seduta 80
24/01/2023

**SA MAISON – PROPRJETÀ PUBBLIKA OKKUPATA MINN INDIVIDWU**

**4816. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid sa liema żmien l-individwu, li d-dettalji dwaru qed jintbagħtu separatament, se jkompli jokkupa l-uffiċċju Sa Maison, liema uffiċċju huwa proprjetà tal-Gvern?

06/12/2022

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nirreferi lill-Onor Interpellant għat-tweġiba tal-Mistoqsija Parlamentari nru 2150.

Seduta 80
24/01/2023

**AWTORITÀ TAL-IPPJANAR - AWDITUR**

**4817. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid min hu l-Awditur tal-Awtorità tal-Ippjanar, kemm jitħallas għal din il-kariga u liema kienu l-investigazzjonijiet li saru minnu?

06/12/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Waqt li ninforma lill-Onorevoli Interpellant li l-Awditur Intern tal-Awtorità tal-Ippjanar jokkupa l-kariga li taqa' fil-grad t'Assistent Direttur fl-istess Awtorità u għaldaqstant il-ħlas relattiv għal din il-kariga, hu dak ta' salarju u benefiċċji applikabbli relatati, l-istess persuna taqdi wkoll il-funzjoni ta' Uffiċjal għall-Protezzjoni tad-Data tal-Awtorità, għal-liema funzjoni titħallas allowance separata. Mhux f'loku li isem il-persuna jingħata pubblikament, iżda jekk l-Onorevoli interpellant irid, inkun nista' ngħaddilu d-dettalji neċessarji, inkluż il-kwalifiċi tal-istess persuna. Inżid li minn mindu l-persuna bdiet tokkupa l-kariga, ħadet ħsieb disa' investigazzjonijiet dwar każi separati.

Seduta 80
24/01/2023

**KUMPANIJI MHUX IMNIŻŻLA FUQ IL-MALTA BUSINESS REGISTRY**

**4818. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid jekk hawnx kumpaniji reġistrati hawn Malta li dwarhom ma teżisti ebda informazzjoni aċċessibbli għall-pubbliku fuq il-Malta Business Registry?

06/12/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li kull kumpanija reġistrata hawn Malta hija mdaħħla fuq il-portal online tal MBR. Il pubbliku jista jaċċessa l informazzjoni billi jirreġistra fuq is-sit jew mill-uffiċċji tal MBR.

Seduta 80
24/01/2023

**AMERICAN UNIVERSITY OF MALTA – SOĊJETÀ LI TMEXXI DIN L-UNIVERSITÀ**

**4819. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-kuntratt/ftehim/dikjarazzjoni illi bih is-soċjetà, li d-dettalji dwarha qed jintbagħtu separatament, li tmexxi l-American University of Malta (AUM) irrinunzjat għal porzjoni art f'Bormla magħrufa bħala Pjazza San Pawl, kif ukoll kopja tal-konċessjoni u ftehim viġenti bil-pjanti annessi?

06/12/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** L-Onorevoli interpellant għandu jkun mgħarraf li d-dokument, li qed jirreferi għalih, hu diġà fil-pussess tal-Kamra tad-Deputati fejn tpoġġa fis-seduta 24 li saret nhar l-4 ta' Lulju 2022.

Seduta 80
24/01/2023

**MASTER PLAN GĦALL-MALTA F'KAŻ TA' TSUNAMI**

**4979. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx master plan jekk tsunami jolqot lil Malta? Hemm master plan iddedikat għal kull parti tal-gżejjer Maltin inkluż Għawdex? Hemm pjan għal siti sensittivi bħal Powerstation, Port Ħieles, Tanking taż-Żejt, Reverse Osmosis u siti oħra COMAH? Jekk iva meta ġew aġġornati l-aħħar? Hemm żmien speċifiku meta dawn jeħtieġ li jiġu riveduti skont id-Direttiva SEVESO?

30/12/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onorevoli Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 80
24/01/2023

**NSO - ĦADDIEMA LI JAQILGĦU PAGA MEDJA**

**4980. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm ħaddiema li jaħdmu fis-settur tal-catering, inklużi ristoranti u lukandi li jaqilgħu aktar mill-paga medja skont l-aħħar statistika li ħarġet mill-NSO?

30/12/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi s-sors ta' din l-informazzjoni huwa l-Istħarriġ dwar il-Ħaddiema u s-Suq tax-Xogħol (LFS).
Is-salarju inħadem abbazi tal-basic salary annwali (*average annual basic salary*). L-ammonti ma jinkludux dħul minn *overtime, bonuses* jew *allowances*.
In-numru ta' impjegati li jaħdmu fis-settur tal-catering, inkluzi ristoranti u lukandi u li jaqilgħu aktar mill-paga medja fl-ewwel 9 xhur ta' sena 2022 hu ta' 2,367 persuna. Din tinkludi kemm impjegati li jaħdmu *full-time* u anke *part-time* jew *full-time with reduced hours.*
Din l-informazzjoni mhix disponibbli għal persuni li jaħdmu għal rashom.

Seduta 80
24/01/2023
**ĦADDIEMA TAĊ-ĊIVIL – VACATION LEAVE**

**4981. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm-il ħaddiem taċ-Ċivil għad għandhom vacation leave mhux użat fi tmiem id-data tal-vacation leave?

30/12/2022

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninsab nfurmat li hemm 225 ħaddiem taċ-Ċivil fid-dekasteru tal-Prim Ministru li għad għandhom vacation leave li ma kienx ġie użat sat-tmiem id-data tal-vacation leave.

Seduta 80
24/01/2023

**ARMATA – RABA' BORD TAL-INĠUSTIZZJA**

**4982. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid jekk ir-Raba' Bord tal-Inġustizzja li sar fi ħdan l-Armata ġiex konkluż? Meta beda dan u jekk mhux konkluż meta mistenni jiġi ffinalizzat?

30/12/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Il-Gvern huwa kommess li jkompli jsewwi inġustizzji ta' Gvern preċedenti. Ġew magħluqa tlett bordijiet ta' inġustizzji, u meta jkun konkluż ir-raba' bord kulħadd ikun infurmat.

Seduta 80
24/01/2023

**FTS – SPEJJEZ TAL-OPERAT**

**4983. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm huma l-ispejjeż tal-operat tal-FTS, jiġifieri kemm qed tħallas il-fondazzjoni għall-operat tagħha, kif ukoll kemm trid tħallas lill-banek?

30/12/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba ser tkun ippublikata fir-Rapport Annwali.

Seduta 80
24/01/2023

**MARINE ENVIRONMENT – DATA RELATATA MAL-AMBJENT**

**4984. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid x'data dwar l-ambjent tal-baħar, Marine Environment, għandu l-gvern? Minn fejn inġabret id-data? Jista' jipprovdi d-data relatata mal-ambjent marittimu lill-Parlament?

30/12/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li b'riferenza għall-Mistoqsija Parlamentari numru 4984 din għandha tiġi riferuta lill-Ministeru konċernat.

Seduta 80
24/01/2023

**AĠENZIJA TAL-QRATI – PRELIMINARY MARKET CONSULTATION**

**5145. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid x'inhuma l-aħħar żviluppi dwar il-'Preliminary Market Consultation' li ħarġet l-Aġenzija tal-Qrati '*Proposal for Available Property or Land for Outright Acquisition in Victoria (Rabat) Gozo or in the Vicinity of Victoria (Rabat) Gozo to be Converted into Gozo Court*' li għalqet fis-6 ta' Jannar 2023? Jista' jgħid kemm kien hemm u min kienu l-persuni jew kumpaniji li wrew interess? Jista' jgħid issa xi jmiss isir?

11/01/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninsab infurmat li kien hemm 8 offerenti li bejniethom tefgħu numru ta' proposti għal propjetà jew art li tista' tiġi żviluppata f'Qorti għal Għawdex. Il-pass li jmiss issa hu li l-proposti mitfugħa jiġu evalwati u jitħejja rapport fuq dawn il-proposti.

Seduta 80
24/01/2023

**GĦAWDEX – SKEJJEL LI M'GĦANDHOMX IS-SERVIZZ TAL-LIFT U TURĠIEN TA' EMERĠENZA**

**5146. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il skola f'Għawdex m'għandhiex is-servizz tal-lift u turġien ta' emerġenza f'każ ta' nirien? Jista' jagħti din l-informazzjoni mhux għall-iskola b'mod ġenerali, iżda anke għal kull blokka fejn hu relevanti?

11/01/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li l-informazzjoni mitluba hija kif murija fit-tabella li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 80
24/01/2023

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX – ĦADDIEMA LI NGĦATAW PROMOZZJONI FIL-GRAD TA' SUPERVISOR**

**5147. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid mill-bidu ta' Novembru sal-aħħar ta' Diċembru 2022, kemm kien hemm ħaddiema fil-Ministeru tiegħu li ngħataw promozzjoni fil-grad ta' supervisor, kemm minnhom huma rġiel u kemm minnhom huma nisa? Jista' jgħid ukoll ma' liema Direttorat/Diviżjoni fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex qegħdin jaħdmu?

11/01/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li mill-bidu ta' Novembru sal-aħħar ta' Diċembru 2022 fil-Ministeru għal Għawdex kien hemm 38 ħaddiem li ngħataw promozzjoni fil-grad ta' supervisor. Minn dawn kien hemm 36 li kienu diġa impjegati mal-Ministeru għal Għawdex u 2 li ġew trasferiti on appointment minn Ministeri oħra. Minn dawn hemm 23 irġiel u 15 nisa

Seduta 80
24/01/2023

**TRANSPORT MALTA - DRONES REĠISTRATI**

**5179. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid fil-preżent kemm hemm drones irreġistrati ma' Transport Malta? Jista' jgħid matul l-2022 f'kemm-il każ ittieħdu passi legali kontra allegat ksur tal-liġijiet li jirregolaw l-użu tad-drones? Jista' jgħid ukoll jekk hemmx xi kategorji ta' drones li huma eżenti mill-obbligu ta' reġistrazzjoni u jekk iva, liema huma?

12/01/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li ir-regola tal-EASA, li daħlet fis-seħħ fil-31 ta' Diċembru 2020 u, tirrikjedi r-reġistrazzjoni tal-Operatur tad-Drone. Għaldaqstant hemm total ta' 2700 operaturi rreġistrati ma' Transport Malta, fuq is-sistema onlajn, li minnhom 950 irreġistraw matul l-2022. Għadhom ma ttieħdu l-ebda passi legali kontra ksur tal-liġijiet tad-drones. Drones li huma eżenti mill-obbligu ta' reġistrazzjoni huma dawk klassifikati bħala 'toys' skond id-direttiva 2009/48/EC kif ukoll dawk li jiżnu anqas minn 250g u m'għandhomx faċilita' ta' rrekordjar bħal kamera jew mikrofonu.

Seduta 80
24/01/2023

**KORP TAL-PULIZIJA - MALTA POLICE TRANSFORMATION STRATEGY 2020-2025 - OBJECTIVE 3 - SCREENING FUQ MEMBRI TAL-KORP TAL-PULIZIJA**

**5221. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: B'referenza għall-*Malta Police Transformation Strategy 2020-2025*, fejn intqal li wieħed mill-oġġettivi strateġiċi (Objective 3) kien li ser jibda jsir "screening" kontinwu fuq kull membru fil-MPF (Malta Police Force) partikolarment fuq senior staff li huma inkarigati fuq investigazzjonijiet delikati, jista' l-Ministru jgħid kif qed isir dan l-iscreening u minn min isir jekk isir?

16/01/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma lill-Onorevoli Nterpellant sabiex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3968.

Seduta 80
24/01/2023

**KORP TAL-PULIZIJA - MALTA POLICE TRANSFORMATION STRATEGY 2020-2025 - OBJECTIVE 3 - WHISTLE BLOWER POLICY**

**5222. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: B'referenza għall-*Malta Police Transformation Strategy 2020-2025*, fejn intqal li wieħed mill-oġġettivi strateġiċi (Objective 3) kien li ser tibda titħaddem il-whistleblower policy biex il-Korp jissaħħaħ u li jkun hemm "zero tolerance" għal kull forma ta' korruzzjoni, jista' l-Ministru jgħid jekk din il-policy saritx u jekk iva jpoġġi kopja tagħha fuq il-Mejda tal-Kamra?

16/01/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma lill-Onorevoli Nterpellant sabiex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3969.

Seduta 80
24/01/2023

**KORP TAL-PULIZIJA - MALTA POLICE TRANSFORMATION STRATEGY 2020-2025 - OBJECTIVE 3 - SCREENING KONTRA D-DROGA**

**5223. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: B'referenza għall-*Malta Police Transformation Strategy 2020-2025*, fejn intqal li wieħed mill-oġġettivi strateġiċi (Objective 3) kien li ser jibda jkun hemm 'screening' kontra d-droga fuq kull membru fil-Korp, jista' l-Ministru jgħid jekk kienx hemm każijiet ta' użu ta' droga minn membri fil-Korp minn meta ddaħħal dan l-iscreening u x'tip ta' droga nstabet kif ukoll x'passi ttieħdu kontra dawn il-pulizija u "staff" fi ħdan il-Korp?

16/01/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma lill-Onorevoli Nterpellant sabiex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3970.

Seduta 80
24/01/2023

**KORP TAL-PULIZIJA - MALTA POLICE TRANSFORMATION STRATEGY 2020-2025 - OBJECTIVE 4 - SISTEMA KOMPJUTERIZZATA TA' CASE MANAGEMENT**

**5224. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: B'referenza għall-*Malta Police Transformation Strategy 2020-2025*, fejn intqal li waħda mill-oġġettivi strateġiċi (Objective 4) kien li ser tinxtara sistema kompjuterizzata ta' case management biex din titħaddem f'kull sezzjoni tal-Korp minflok l-użu tal-karti waqt il-qadi tal-investigazzjonijiet, jista' l-Ministru jgħid jekk inxtratx din is-sistema u jekk iva, meta u kif qed titħaddem f'kull sezzjoni tal-Malta Police Force?

16/01/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma lill-Onorevoli Nterpellant sabiex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3971.

Seduta 80
24/01/2023

**KORP TAL-PULIZIJA - MALTA POLICE TRANSFORMATION STRATEGY 2020-2025 - OBJECTIVE 4 - SISTEMA TA' WORK FLOW MANAGEMENT**

**5225. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: B'referenza għall-*Malta Police Transformation Strategy 2020-2025*, fejn intqal li wieħed mill-oġġettivi strateġiċi (Objective 4) kien li ser tinxtara sistema ta' "work flow management" fejn ix-xogħol amministrattiv se jiġi wkoll kompjuterizzat, jista' l-Ministru jgħid jekk din l-għodda nxtratx u jekk iva, meta u xi nxtara u kif u fejn qed tintuża?

16/01/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma lill-Onorevoli Nterpellant sabiex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3972.

Seduta 80
24/01/2023

**KORP TAL-PULIZIJA - MALTA POLICE TRANSFORMATION STRATEGY 2020-2025 - OBJECTIVE 4 - SISTEMA KOMPJUTERIZZATA TA HR MANAGEMENT**

**5226. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: B'referenza għall-*Malta Police Transformation Strategy 2020-2025*, fejn intqal li wieħed mill-oġġettivi strateġiċi (Objective 4) kien li ser jinxtara sistema kompjuterizzata ta' "HR management" biex l-aċċess ta' data personali ta' kull membru fil-Malta Police Force (MPF) ikun iktar faċli minflok is-sistema manwali, jista' l-Ministru jgħid jekk din is-sistema nxtratx u jekk iva, meta u xi nxtara u kif qed jintuża?

16/01/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma lill-Onorevoli Nterpellant sabiex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3973.

Seduta 80
24/01/2023

**SPTAR MATER DEI – APPARAT FIS-SLEEP LAB**

**5271. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3290, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid fiex wasal ix-xogħol li kien għaddej biex jiġi ppubblikat tender bi specifications sabiex jinxtara apparat addizzjonali?

16/01/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi bħalissa hemm żewġ *tenders* għand id-Dipartiment tal-Kuntratti, li jikkorċennaw id-Dipartiment tal-*Sleep Lab*.

Seduta 80
24/01/2023

**GĦAWDEX - SPETTURI**

**5272. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3239, jista' l-Ministru jgħid meta hu ppjanat li jkun hemm it-tielet spettur f'Għawdex?

16/01/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi kif dejjem sar kull żieda jew tqassim ieħor ta' membri fil-Korp f'kull rank, jiġi determinat u jsir skond l-esiġenzi u n-neccessitajiet fl-aħjar interess tal-komunità u tal-Korp.

Seduta 80
24/01/2023

**ĊENTRI TAL-KOMUNITÀ – PROFESSJONISTI**

**5280. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk il-professjonisti li jaħdmu fiċ-ċentri tal-komunità jew il-bereġ humiex assenjati full-time għal dan ix-xogħol/lokazzjoni, jew jinqalgħux mix-xogħol tagħhom fiċ-Ċentri tas-Saħħa biex jagħtu servizz hemmhekk?

16/01/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi l-professjonisti li jaħdmu fiċ-Ċentri tal-Komunità huma kollha impjegati tal-*Primary HealthCare* assenjati '*full time*' għall-dan ix-xogħol specifiku.

Seduta 80
24/01/2023

**MINISTERU GĦAS-SAĦĦA – BAĠIT GĦAL STEWARDS/VITALS GĦALL-ORTHOTIC U PROSTHETIC UNIT**

**5281. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm kien il-baġit min-naħa tal-Ministeru għas-Saħħa u Stewards/Vitals (separatament) għall-Orthotic u Prosthetic Unit f'dawn l-aħħar għaxar snin, sena b'sena?

16/01/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi qiegħed impoġġi fuq il-medja tal-kamra l-informazzjoni mitluba minnu.

Seduta 80
24/01/2023

**KUNTRATT TA' KIRI TA' AMBULANZI**

**5282. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jippubblika l-kuntratt tal-kiri ta' ambulanzi li qed jintużaw fis-settur pubbliku?

16/01/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi l-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

Seduta 80
24/01/2023

**INFERMIERA, ALLIED HEALTH PROFESSIONALS U TOBBA LI RRIŻENJAW MINN XOGĦOLHOM**

**5283. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm irriżenjaw infermiera, Allied Health Professionals u tobba minn xogħolhom mas-Servizz Pubbliku f'dawn l-aħħar għaxar snin? Jista' jgħid ukoll kemm minnhom kienu ta' nazzjonalità Maltija u kemm minnhom ma kinux?

16/01/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi qed impoggi fuq il-mejda tal-kamra l-informazzjoni mitluba minnu.

Seduta 80
24/01/2023

**SAN VINĊENZ DE PAUL – DAYCARE – INFERMIERA**

**5284. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx transfers interni ta' infermiera biex jaħdmu fid-daycare tar-residenza tal-anzjani San Vincenz De Paul li qed jistennew li jiġu proċessati? Jekk iva, jista' jgħid kemm ilhom u jekk sarux xi transfers ta' infermiera biex jaħdmu f'dan id-daycare f'dawn l-aħħar disa' snin?

16/01/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nitlob lill-Onorevoli Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill Ministeru konċernat.

Seduta 80
24/01/2023

**SPTAR MATER DEI – PULTRUNI BARJATRIĊI**

**5285. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm-il pultruna barjatrika (li tiflaħ nies ta' piż għoli) hemm preżentement fl-Isptar Mater Dei u fejn huma allokati?

16/01/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi fl-isptar Mater Dei hemm żewġ pultruni barjatrika, u dawn jinżammu fid-dipartiment tal-*Biomedical Engineering* biex ikunu għad-dispożizzjoni ta' minn ikollu bżonn fl-iswali.

Seduta 80
24/01/2023

**SIĠĠIEWI – XOGĦOL TA' RESTAWR TAZ-ZUNTIER TAL-KNISJA PARROKKJALI**

**5326. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4168, li oriġinarjament saret lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali u li issa ġiet riferuta lilu, u jgħid meta se jibda x-xogħol ta' riġenerazzjoni u restawr taz-zuntier tal-Knisja Parrokkjali tas-Siġġiewi li tħabbar f'Ġunju tas-sena 2021?

17/01/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li wara li ħareġ il-permess tal-iżvilupp mill-Awtorità tal-Ippjanar, ġiet ippubblikata sejħa għall-offerti u l-proċess tal-evalwazzjoni huwa konkluż. Il-perjodu tal-appell għalaq il-Ġimgħa 20 ta' Jannar 2023 u x-xogħol se jkun qed jibda wara li jiġi ffirmat il-kuntratt mal-kuntrattur magħżul u jinħarġu l-permessi meħtieġa mill-Awtoritajiet kompetenti.

Seduta 80
24/01/2023

**SIĠĠIEWI – XOGĦOL TA' RESTAWR TAZ-ZUNTIER TAL-KNISJA PARROKKJALI – ALLOKAZZJONI TA' FONDI**

**5327. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4169, li oriġinarjament saret lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali u li issa ġiet riferuta lilu, u jgħid kemm hemm fondi allokati għall-proġett ta' riġenerazzjoni u restawr taz-zuntier tal-Knisja Parrokkjali tas-Siġġiewi?

17/01/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ngħarraf lill-Onorevoli Interpellant li ġejt infurmat li l-fondi allokati għal dan il-proġett huma ta' €778,706.90 (VAT inkluż), kif muri pubblikament u aċċessibbli mis-sistema tax-xiri ċentrali tal-Gvern.

Seduta 80
24/01/2023

**SIĠĠIEWI – XOGĦOL TA' RESTAWR TAZ-ZUNTIER TAL-KNISJA PARROKKJALI**

**5328. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 4168, li oriġinarjament saret lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali u li issa ġiet riferuta lilha, u tgħid meta se jibda x-xogħol ta' riġenerazzjoni u restawr taz-zuntier tal-Knisja Parrokkjali tas-Siġġiewi li tħabbar f'Ġunju tas-sena 2021?

17/01/2023

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Nitlob lil Onorevoli interpellant biex jaghmel il-mistoqsija lill-Ministeru kkoncernat.

Seduta 80
24/01/2023

**SIĠĠIEWI – XOGĦOL TA' RESTAWR TAZ-ZUNTIER TAL-KNISJA PARROKKJALI – ALLOKAZZJONI TA' FONDI**

**5329. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 4169, li oriġinarjament saret lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali u li issa ġiet riferuta lilha, u tgħid kemm hemm fondi allokati għall-proġett ta' riġenerazzjoni u restawr taz-zuntier tal-Knisja Parrokkjali tas-Siġġiewi?

17/01/2023

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Nitlob lil Onorevoli interpellant biex jaghmel il-mistoqsija lill-Ministeru kkoncernat.

Seduta 80
24/01/2023

**SIĠĠIEWI – XOGĦOL TA' RESTAWR TAZ-ZUNTIER TAL-KNISJA PARROKKJALI**

**5330. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4168, li oriġinarjament saret lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali u li issa ġiet riferuta lilu, u jgħid meta se jibda x-xogħol ta' riġenerazzjoni u restawr taz-zuntier tal-Knisja Parrokkjali tas-Siġġiewi li tħabbar f'Ġunju tas-sena 2021?

17/01/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant sabiex jirreferi din il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 80
24/01/2023

**SIĠĠIEWI – XOGĦOL TA' RESTAWR TAZ-ZUNTIER TAL-KNISJA PARROKKJALI – ALLOKAZZJONI TA' FONDI**

**5331. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista’ l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4169, li oriġinarjament saret lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali u li issa ġiet riferuta lilu, u jgħid kemm hemm fondi allokati għall-proġett ta’ riġenerazzjoni u restawr taz-zuntier tal-Knisja Parrokkjali tas-Siġġiewi?

17/01/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant sabiex jirreferi din il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 80
24/01/2023

**STUDENTI LI APPLIKAW GĦALL-ISTIPENDJU U L-GRANT**

**5367. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista’ l-Ministru jgħid kemm hemm studenti li jattendu l-ewwel sena tal-Junior College, il-Higher Secondry, l-MCAST u l-GEM16+ li applikaw għall-istipendju u l-grant u għadhom ma rċevewhomx? X’kienet ir-raġuni li wasslet għal dan id-dewmien?

18/01/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li b’kollox kien hemm 4,943 student li applikaw għall-isitpendju jew grant. Dawk l-istudenti li ma rċivewx l-istipendju jew il-grant hi dovuta minħabba l-fatt li l-applikazzjoni tkun ġiet sottomessa tard jew b’nuqqas ta’ dokumentazzjoni. Nassigura lill-Onor. Interpellant li kull min ma rċiviex stipendju jew grant, ser ikun qed jirċivieh sa l-aħħar ta’ dan ix-xahar.

Seduta 80
24/01/2023

**IRZIEZET F’MALTA**

**5368. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 1619 u 1962 u jgħid kemm irziezet waqfu jew għalqu milli jkomplu joperaw f'Malta mill-2016 sal-lum? Jista’ jagħti kemm għalqu sena b'sena u lokalità b’lokalità?

18/01/2023

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li l-informazzjoni ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 80
24/01/2023

**WELFARE OFFICERS**

**5369. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 1620 u 1963 u jgħid kemm kien hemm persuni li jagħmlu xogħol ta' Welfare Officers li huma jew mislufin minn dipartiment/dipartimenti oħra u/jew ma daħlux jaħdmu direttament bħala AW Officers?

18/01/2023

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi bħalissa hemm persuna waħda li qed tagħmel xogħol ta' *Animal Welfare Officer*. Din il-persuna mhix impjegata direttament bħala *Animal Welfare Officer* u hija uffiċjal tal-ERL

Seduta 80
24/01/2023

**KUNSILLI LOKALI - SEGRETARJI EŻEKUTTIVI U SKRIVANI KLERIKALI NIEQSA**

**5370. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx Segretarji Eżekuttivi u skrivani klerikali nieqsa mill-kunsilli lokali u kemm ilhom nieqsa fil-kunsilli kkonċernati?

18/01/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat li fil-preżent hemm 13 -il vakanza ta' Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsilli Lokali u 3 vakanzi ta' Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsilli Reġjonali. Infurmat ukoll illi bħalissa jinsab fl-istadju ta' evalwazzjoni l-proċess tal-għażla sabiex jimtlew dawn il-vakanzi.

Intant infurmat illi fir-rigward ta' vakanza ta' impjegati klerikali, mhux possibli li wieħed jikkwantifika dan minhabba li m'hemmx limitu speċifiku ta' impjegati li kull Kunsill Lokali jista' jimpjega.

Seduta 80
24/01/2023

**GĦALLIEMA LI MA ĦADUX IL-LAPTOP**

**5371. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm għalliema li għadhom sal-lum ma ħadux il-laptop? Għalfejn kien hemm dan id-dewmien kollu?

18/01/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar.

Seduta 80
24/01/2023

**SKEJJEL LI JIFTĦU L-BTIEĦI GĦALL-PARKEĠĠ GĦAR-RESIDENTI**

**5372. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 222 u jgħid liema huma l-iskejjel li qed jiftħu l-btieħi wara l-ħin tal-iskola biex jintużaw bħala parkeġġ għar-residenti? Jista' jgħid x'qiegħed iżomm skejjel oħra li jagħmlu l-istess meta wieħed jifhem li f'kull raħal hawn problema ta' parkeġġ?

18/01/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar.

Seduta 80
24/01/2023

**QRATI – RIKORSI GĦALL-ĦATRA TA' KURATURI**

**5385. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm rikorsi fil-Qorti f'Malta u fil-Qorti f'Għawdex għall-ħatra ta' kuraturi pendenti għax qed jistennew il-pubblikazzjoni fil-gazzetti?

18/01/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Qed nelenka r-rikorsi pendenti għall-ħatra ta' kuraturi li qed jistennew il-pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-Gvern:-

**Fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Malta):-**

- Fl-atti ta' ċedoli hemm 40 pendenti
- Fl-atti ta' kawżi ġuramentati hemm 3 pendenti, li wieħed minnhom ser jiġi pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern ta' din il-ġimgħa.

**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Ċivili) Malta**:-

- Fl-atti ta' ċedoli hemm 4 pendenti
- Fl-atti ta' kawżi hemm 2 pendenti, li t-tnejn ser jiġu pubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern ta' din il-ġimgħa.

**Fil-Qorti tal-Familja (Malta):**

- Fl-atti ta' kawżi ġuramentati hemm 1 pendenti

Filwaqt illi fil-Qrati ta' Għawdex hemm 29 ħatriet għall-kuraturi li qed jistennew il-publikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern.

Seduta 80
24/01/2023

**MDIA - EKONOMISTI, ACCOUNTANTS, IT OFFICERS U AVUKATI**

**5386. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm ekonomisti, accountants, IT officers u avukati fi ħdan l-Awtorità Maltija għall-Innovazzjoni Diġitali (MDIA)?

19/01/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li fi ħdan l-Awtorità Maltija għall-Innovazzjoni Diġitali (MDIA) hemm impjegati:

Ekonomisti - 0

Accountants - 1

IT officers / Technologists - 3

Avukati – 1

Seduta 80
24/01/2023

**WIED IL-GĦAJN – PERSUNI LI JIRĊIEVU L-GĦAJNUNA SOĊJALI**

**5411. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm persuni li kienu qed jirċievu l-għajnuna soċjali tul is-sena li għaddiet residenti ta' Wied il-Għajn u jistax jgħid ukoll kemm kien hemm nisa u kemm rġiel?

19/01/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li, l-ammont ta' persuni li kienu qed jirċievu l-Għajnuna Soċjali f'Diċembru 2022, u li kienu residenti Wied il-Għajn kien kif jidher fit-tabella aktar 'l isfel:

| Wied il-Għajn | Irġiel | Nisa | Total |
|---|---|---|---|
| SA/SUP/UA | 36 | 111 | 147 |
| SUA | 31 | 38 | 69 |
| **Total** | **67** | **149** | **216** |

*SA – Għajnuna Soċjali*
*SUP - Għajnuna Soċjali lill-ommijiet xebbiet*
*UA - Għajnuna Soċjali tal-Qgħad*
*SUA - Għajnuna lil barranin li jgawdu minn Protezzjoni Sussidjarja u mhumiex f'impjieg.*

Seduta 80
24/01/2023

**IL-BELT VALLETTA– TRIQ SAN ĠWANN U STRADA STRETTA – TISWIJIET FIĊ-ĊANGATURA TAT-TRIQ**

**5412. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jara li l-ħsara li hemm fiċ-ċangatura fi Triq San Ġwann il-Belt Valletta, kantuniera ma' Strada Stretta, tiġi msewwija billi hija ta' inkonvenjent u perikolu kbir għal min jkun qiegħed jagħmel użu minnha?

19/01/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nistieden lill-Onorevoli Interpellant sabiex jirreferi din il-Mistoqsija Parlamentari lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 80
24/01/2023

**ĦAL TARXIEN – PERSUNI LI JIRĊIEVU L-GĦAJNUNA SOĊJALI**

**5413. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm persuni li kienu qed jirċievu l-għajnuna soċjali tul is-sena li għaddiet li huma residenti ta' Ħal Tarxien u jistax jgħid ukoll kemm kien hemm nisa u kemm rġiel?

19/01/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi l-ammont ta' persuni li kienu qed jirċievu l-Għajnuna Soċjali f'Diċembru 2022, u li kienu residenti Hal Tarxien, kien kif jidher fit-tabella aktar l-isfel:

| Tarxien | Irġiel | Nisa | Total |
|---|---|---|---|
| SA/SUP/UA | 22 | 85 | 107 |
| SUA | 7 | 3 | 10 |
| **Total** | **29** | **88** | **117** |

SA - Għajnuna Soċjali
SUP - Għajnuna Soċjali lill-ommijiet xebbiet
UA - Għajnuna Soċjali tal-Qgħad
SUA - Għajnuna lil barranin li jgawdu minn Protezzjoni Sussidjarja u mhumiex f'impjieg.

Seduta 80
24/01/2023

**MINISTRU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI - LAQGĦAT IN KONNESSJONI MAX-XOGĦOL MINISTERJALI**

**5414. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 5174 u jgħid kemm-il darba attenda laqgħat barra minn pajjiżna in konnessjoni max-xogħol Ministerjali tul is-sena li għaddiet? Jista' jgħid ukoll min akkumpanjah u kemm kienu l-ispejjeż relattivi tal-vjaġġ u l-akkomodazzjoni?

19/01/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li l-informazzjoni mitluba tinsab hawn taht:

| Name of Meeting | Dates | Delegates | Cost of Flight | Cost of Accomodation |
|---|---|---|---|---|
| Opening of Malta Stand in the Venice Biennale, in Venice, Italy. ***1** | 19/04/2022 - 22/04/2022 | Minister, Permanent Secretary and 1 member of the Secretariat staff | €1,002.95 | €1,661.00 |
| Conference of the Ministers of Culture of the Euro Mediterranean region culture mini-serial meeting of the EU-southern partnership, in Naples, Italy. | 16/06/2022 - 17/06/2022 | Minister, Permanent Secretary and 1 member of the secretariat staff. | €1,107.00 | €450.00 |
| UNESCO World Conference on Culture Policies and Sustainable Development - Mondiacult 2022 in Mexico. ***2** | 26/09/2022 - 02/10/2022 | Minister, Permanent Secretary and 1 member of the secretariat staff. | €32,790 | €3,201.88 |
| Accompanying President George Vella in a State Visit to Estonia | 12/09/2022 - 15/09/2022 | Minister and Advisor | €4,175.00 | €1,815.00 |
| Opening of an exhibiton by Maltese artists at the European Parliament - The Aftermath of War, in Brussels, Belgium. | 25/10/2022 - 26/10/2022 | Minister and 1 member of secretariat staff | €2,000.00 | €562.64 |
| Council of the European Union - Education, Youth, Culture and Sport, in Brussels, Belgium. | 28/11/2022 - 29-11-2022 | Minister and 1 member of secretariat staff | €1,120.00 | €648.24 |

*1 – Minister and 1 member of the Secretariat staff attended from 21/04/2022 till 22/04/2022

*2 – Minister and 1 member of the Secretariat staff attended from 26/09/2022 till 30/09/2022

Seduta 80
24/01/2023

**IŻ-ŻEJTUN – PERSUNI LI JIRĊIEVU L-GĦAJNUNA SOĊJALI**

**5415. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm persuni li kienu qed jirċievu l-għajnuna soċjali tul s-sena li għaddiet residenti ż-Żejtun u jistax jgħid ukoll kemm kien hemm nisa u kemm rġiel?

19/01/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li, l-ammont ta persuni li kienu qed jircievu l-Għajnuna Soċjali f'Diċembru 2022, u li kienu residenti ż-Żejtun, kien kif jidher fit-tabella aktar 'l isfel:

| **Żejtun** | **Irġiel** | **Nisa** | **Total** |
|---|---|---|---|
| SA/SUP/UA | 24 | 139 | 163 |
| SUA | 4 | 5 | 9 |
| **Total** | **28** | **144** | **172** |

SA – Għajnuna Soċjali
SUP - Għajnuna Soċjali lill-ommijiet xebbiet
UA - Għajnuna Soċjali tal-Qgħad
SUA - Għajnuna lil barranin li jgawdu minn Protezzjoni Sussidjarja u mhumiex f'impjieg.

Seduta 80
24/01/2023

**MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJA - LAQGĦAT IN KONNESSJONI MAX-XOGĦOL MINISTERJALI**

**5416. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 5177 u jgħid kemm-il darba attenda laqgħat barra minn pajjiżna in konnessjoni max-xogħol Ministerjali tul is-sena li għaddiet? Jista' jgħid ukoll min akkumpanjah u kemm kienu l-ispejjeż relattivi tal-vjaġġ u l-akkomodazzjoni?

19/01/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Qed npoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra tabella bl-informazzjoni mitluba.

Seduta 80
24/01/2023

**XEMXIJA HERITAGE TRAIL – PROĠETTI U INVESTIMENT**

**5443. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsijiet parlamentari 4686, 5053 u 5158, jista' l-Ministru jagħti tagħrif dwar l-NGO li hemm referenza għaliha f'dawn il-mistoqsijiet u jwieġeb il-partijiet tal-mistoqsijiet li baqgħu mhux imwieġba? Għaldaqstant jista' jgħid għal liema NGO qiegħda ssir referenza għaliha, x'assistenza qed tingħata mill-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar, u x'qed jitwettaq mill-istess NGO? Jista' jgħid ukoll kemm ilha mwaqqfa din l-NGO u fejn hi reġistrata?

20/01/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar illi fil-preżent il-Kunsill qed jassisti NGO ġdida li twaqqfet minn esperti fil-qasam, biex dan is-sit jingħata l-akbar attenzjoni possibbli, liema NGO hija l-*Malta Industrial Heritage Association.*

Infurmat li f'Dicembru 2022, il-Kunsill għamel l-*underground mill* għad-dispożizzjoni tal-NGO u dan sabiex, il-membri tal-NGO jkunu jistaw janalizzaw u jiddokumentaw il-mitħna.

Domandi marbuta ma' informazjoni dwar registrazzjoni ta' NGOs ghandhom isiru lill-Ministru koncernat.

Seduta 80
24/01/2023

**XEMXIJA HERITAGE TRAIL – PROĠETTI U INVESTIMENT**

**5444. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsijiet parlamentari 4686, 5053 u 5158 jista' l-Ministru jagħti tagħrif dwar liema xogħol sar kull sena, mill-2019 sal-lum, bħala maintenance tax-Xemxija Heritage Trail u f'kull każ jgħid meta sar dan ix-xogħol?

20/01/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar li ma nbidel xejn minn dak li kien isir fi żminijiet passati. Infurmat li l-uniku differenza hija, li llum, ix-xogħol meħtieġ qed isir mill-ħaddiema tal-Kunsill filwaqt li qabel kien isir minn persuni b'mod volontarju.

Seduta 80
24/01/2023

**KUNSILLI LOKALI – GREEN SOFT AREA PROJECTS**

**5445. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm kunsilli lokali li ħadu sehem fil-programm (proġett) imsejjaħ "Consolidating green soft area project"? Kemm proġetti fil-fatt twettqu u fejn? Kemm kienet in-nefqa involuta f kull każ?

20/01/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Tlabt sabiex it-taghrif jingabar.

Seduta 80
24/01/2023

**SAN PAWL IL-BAĦAR - TRIQ SAN PAWL U TRIQ PARADES - BOZOZ**

**5446. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsijiet parlamentari 5007 u 5187 dwar bozoz mitfijin fi Triq San Pawl u Triq Parades, San Pawl il-Baħar, tista' l-Ministru tgħid jekk l-Enemalta rċevietx rapporti dwar dawn il-każijiet u jekk iva mingħand min waslu dawn ir-rapporti u meta waslu? Tista' tgħid meta u kif ġew indirizzati l-ilmenti dwar bozoz mitfijin fl-imsemmijin toroq, jekk dan hu l-każ?

20/01/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li l-Enemalta m'għandha l-ebda notifika dwar bozoz mitfijin fi Triq Parades. Dwar rapporti fuq ħsarat fid-dawl pubbliku fi Triq San Pawl, l-Enemalta kellha żewġ rapporti mill-Kunsill ta' bozoz mitfija u dawn ġew irranġati.

Seduta 80
24/01/2023

**QRATI – ĠURIJIET PENDENTI**

**5447. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm ġurijiet pendenti u kemm hu n-numru ta' persuni li qed jistennew li jgħaddu ġuri? Jista' jgħid, għal kull wieħed mill-ġurijiet li jinsabu pendenti, id-data meta ġie ppreżentat l-att tal-akkuża?

20/01/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi sal-lum hemm 102 ġuri pendenti (119 akkużati b'kollox). Hemm 13-il ġuri appuntat (16-il persuna akkużata b'kollox). Hemm 7 ġurijiet (b' 7 akkużati) li mmaturaw riċentament u qed jistennew id-data tal-appuntament. It-82 ġuri pendenti l-oħra (96 akkużat b'kollox) għalissa ma jistgħux isiru għal diversi raġunijiet varji, fosthom: minħabba proċeduri Kostituzzjonali, għax qegħdin jistennew kawżi oħra, għax għadom fi stadju ta' eċċezzjonijiet preliminarji jew jistennew rapport minn esperti psikjatriku.

Id-data meta ġiet ppreżentata l-Att ta' Akkuża hija ndikata fit-tabella li qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 80
24/01/2023

**PULIZIJA – PERSUNI LI TRESSQU L-QORTI DWAR REATI TA' TLAJJAR GĦALL-PROSTITUZZJONI**

**5448. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid, sena b'sena, mis-sena 2013 sad-data li tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kemm tressqu persuni l-Qorti dwar reati ta' tlajjar għall-prostituzzjoni? Jista' jgħid kemm-il persuna nstabet ħatja, kemm kienu nisa u kemm kienu rġiel, ta' liema nazzjonalità kienet il-persuna, f'liema lokalità twettaq ir-reat u x'kienet il-piena li ngħatat mill-Qorti?

20/01/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Sal-ħin li ġie provdut biex niprovdi tweġiba, l-informazzjoni ma kienetx kompluta kollha. Għalhekk l-informazzjoni ser tkun provduta fl-iqsar żmien possibli f'seduta oħra.

Seduta 80
24/01/2023

**PULIZIJA – PERSUNI LI TRESSQU L-QORTI DWAR PROSTITUZZJONI**

**5449. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid, sena b'sena, mis-sena 2013 sad-data li tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kemm-il persuna tressqet il-Qorti akkużata li ġiegħlet persuna li għalqet l-età ta' 21 sena biex titlaq minn Malta jew biex tiġi Malta għal skop ta' prostituzzjoni bi ksur tal-artikolu 2 tal-Ordinanza dwar il-Qirda tal-Kummerċ fil-Prostituzzjoni (Kap. 63 tal-Liġijiet ta' Malta)? Jista' jgħid kemm-il persuna nstabet ħatja, kemm kienu nisa u kemm kienu rġiel, ta' liema nazzjonalità kienet il-persuna u x'kienet il-piena li ngħatat mill-Qorti?

20/01/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Sal-ħin li ġie provdut biex niprovdi tweġiba, l-informazzjoni ma kienetx kompluta kollha. Għalhekk l-informazzjoni ser tkun provduta fl-iqsar żmien possibli f'seduta oħra.

Seduta 80
24/01/2023

**PULIZIJA – PERSUNI LI TRESSQU L-QORTI DWAR PROSTITUZZJONI**

**5450. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid, sena b'sena, mis-sena 2013 sad-data li tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kemm-il persuna tressqet il-Qorti akkużata li ġiegħlet persuna taħt l-età ta' 21 sena biex titlaq minn Malta jew biex tiġi Malta għal skop ta' prostituzzjoni bi ksur tal-artikolu 3 tal-Ordinanza dwar il-Qirda tal-Kummerċ fil-Prostituzzjoni (Kap. 63 tal-Liġijiet ta' Malta)? Jista' jgħid kemm-il persuna nstabet ħatja, kemm kienu nisa u kemm kienu rġiel, ta' liema nazzjonalità kienet il-persuna u x'kienet il-piena li ngħatat mill-Qorti?

20/01/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Sal-ħin li ġie provdut biex niprovdi tweġiba, l-informazzjoni ma kinietx kompluta kollha. Għalhekk l-informazzjoni ser tkun provduta fl-iqsar żmien possibli f'seduta oħra.

Seduta 80
24/01/2023

**PULIZIJA – PERSUNI LI TRESSQU L-QORTI DWAR PROSTITUZZJONI**

**5451. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid, sena b'sena, mis-sena 2013 sad-data li tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kemm-il persuna tressqet il-Qorti akkużata li żammet persuna kontra r-rieda tagħha f'burdell jew f'lokal ieħor użat bi drawwa għal skop ta' prostituzzjoni bi ksur tal-artikolu 5 tal-Ordinanza dwar il-Qirda tal-Kummerċ fil-Prostituzzjoni (Kap. 63 tal-Liġijiet ta' Malta)? Jista' jgħid kemm-il persuna nstabet ħatja, kemm kienu nisa u kemm kienu rġiel, ta' liema nazzjonalità kienet il-persuna, f'liema lokalità kien jinsab il-burdell jew lokal ieħor u x'kienet il-piena li ngħatat mill-Qorti?

20/01/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Sal-ħin li ġie provdut biex niprovdi tweġiba, l-informazzjoni ma kinietx kompluta kollha. Għalhekk l-informazzjoni ser tkun provduta fl-iqsar żmien possibli f'seduta oħra.

Seduta 80
24/01/2023

**PULIZIJA – GĦOTI TA' MANDATI TA' TFITTXIJA FUQ PERSUNA**

**5452. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid, sena b'sena, mis-sena 2013 sad-data li tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kemm-il mandat ġie mogħti mill-Kummissarju tal-Pulizija lil uffiċjali tal-Pulizija li permezz tiegħu awtorizzahom ifittxu persuna li kontra r-rieda tagħha ġiet miżmuma minn persuna oħra għal skopijiet immorali u dan skont dak li jipprovdi l-artikolu 6(1) tal-Ordinanza dwar il-Qirda tal-Kummerċ fil-Prostituzzjoni (Kap. 63 tal-Liġijiet ta' Malta)? Jista' jindika s-sess u l-età tal-persuna li għaliha ġiet ordnata t-tfittxija?

20/01/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Sal-ħin li ġie provdut biex niprovdi tweġiba, l-informazzjoni ma kinietx kompluta kollha. Għalhekk l-informazzjoni ser tkun provduta fl-iqsar żmien possibli f'seduta oħra.

Seduta 80
24/01/2023

**PERSUNI MISJUBA ĦATJA TA' KSUR TA' LIĠI TA' SAĦĦA U SIGURTÀ FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL**

**5467. L-ONOR. KATYA DE GIOVANNI** staqsiet lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il persuna mill-2018 sal-2022 instabet ħatja fuq ksur ta' liġi ta' saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol?

20/01/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-Aġenzija għas-Servizzi tal-Qrati ma żżomx statistika ta' min ġie misjub ħati. L-istatistika li tinżamm hija ibbażata fuqkemm ġew deċiżi kawżi waqt is-seduta li titratta is-saħħa u s-sigurta fuq il-post tax-xogħol. Din l-istatistika qed tiġi elenkata hawn taħt:

| Sena | Numru Ta' Kawżi Deċiżi |
|---|---|
| 2018 | 211 |
| 2019 | 132 |
| 2020 | 6 |
| 2021 | 161 |
| 2022 | 241 |

Seduta 80
24/01/2023

## AWTORITÀ TAL-MEDICINI – LISTA TA' MEDIĊINI

**5468. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-lista tal-mediċini li ġew fast-tracked mill-Awtorità tal-Mediċini mill-1 ta' Novembru 2022 sa meta tiġi mwieġba din il-mistoqsija? Jista' jindika d-data tal-fast-tracking, l-isem tal-mediċina u jindika l-isem tal-kumpanija li timporta din il-mediċina jew is-CPSU skont il-każ?

20/01/2023

**ONOR. JO-ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onorevoli interpellanta li tlabt biex l-informazzjoni tinġabar.

Seduta 80
24/01/2023

## AWTORITÀ TAL-MEDIĊINI – MEDIĊNI FAST TRACKED

**5469. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid meta beda l-fast tracking tal-mediċini mill-Awtorità tal-Mediċini?

20/01/2023

**ONOR. JO-ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onorevoli interpellanta li tlabt biex l-informazzjoni tinġabar.

Seduta 80
24/01/2023

## SPTAR MATER DEI – ANTIBIOTIC AUGMENTIN U CLINDAMYCIN

**5470. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jikkonferma li fil-ġimgħa ta' bejn is-16 u l-20 ta' Jannar 2023 fl-Isptar Mater Dei ma kienx hemm antibiotiċi tat-tip Augmentin u Clindamycin?

20/01/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi l-antibiotiċi Co-Amoxiclav u Clindamycin kienu disponibbli f'Mater Dei fid-dati msemmija minnha.

Seduta 80
24/01/2023

**SPTAR MATER DEI – CANTEEN LI QED TINTUŻA BĦALA WARD**

**5471. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jikkonferma li l-ispazju li kien jintuża bħala canteen tal-ħaddiema fl-Isptar Mater Dei u sar ward għal żmien il-peak tal-pandemija tal-COVID-19, reġa' beda jintuża bħala ward fil-ġimgħa ta' bejn is-16 u l-20 ta' Jannar 2023?

20/01/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi spazji fl-isptar Mater Dei f'dawn l-aħħar snin ġew attrezzati bħala swali , inkluz l-ispazju li semmiet hi, sabiex jiġi evitat illi pazjenti jiġu trattati fil-kuruturi kif kien jiġri taħt amministrazzjoni oħra.

Seduta 80
24/01/2023

**MEDIĊINI OUT OF STOCK - RAPPORT**

**5472. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra r-rapport ta' kull ġimgħa (ġimgħa b'ġimgħa) tal-mediċini out of stock mis-7 ta' Novembru 2022 sa meta tiġi mwieġba din il-mistoqsija?

20/01/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi qed impoggi fuq il-mejda tal-kamra lista ta mediċini *out of stock* kif mitluba minnha.

Seduta 80
24/01/2023

**LISTA TA' MEDIĊINI OUT OF STOCK**

**5473. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid għalfejn, wara li saret pressjoni mill-Oppożizzjoni, ippubblika r-rapport tal-mediċini out of stock fid-9 ta' Jannar 2023 iżda ma reġax ippubblika r-rapporti tal-ġimgħat ta' wara?

20/01/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nirreferi lill-Onorevoli Interpellant għar-risposta tal-mistoqsija parlamentari numru 5472.

Seduta 80
24/01/2023

**BIRŻEBBUĠA, ŻURRIEQ U ĦAL SAFI – RAPPORTI TA' VANDALIŻMU**

**5496. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm saru rapporti ta' vandaliżmu fuq il-bibien u faċċati ta' residenzi privati f'Birżebbuġa, fiż-Żurrieq u f'Ħal Safi mill-1 ta' Diċembru 2022 sa meta tiġi mwieġba din il-mistoqsija? Jista' jgħid f'liema stadju tinsab l-investigazzjoni u jekk tressqux xi nies il-Qorti? Jista' jgħid ukoll jekk ġewx innotati xi tendenzi partikolari u x'azzjonijiet qed jittieħdu min-naħa tal-Pulizija?

20/01/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat li mill-1 ta' Diċembru 2022 sat-22 ta'Jannar 2023, kien hemm rapport wieħed dwar vandaliżmu, fuq bieb ta' residenza privata fiż-Żurrieq. Ma kienx hemm rapporti aktar ta' vandaliżmu fuq il-bibien u faċċati ta' residenzi privati f'dan il perjodu fil-lokalitajiet msemmija mill-Onorevoli Membru. L-investigazzjonijiet qed ikomplu mill-Korp.

Seduta 80
24/01/2023

**BUS SHELTERS LI JINĦTIEĠU TISWIJA**

**5497. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jelenka lista ta' kemm hemm każijiet pendenti ta' bus shelters li jeħtiġilhom tiswija lokalità lokalità?

20/01/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Tlabt sabiex it-tagħrif jingabar.

Seduta 80
24/01/2023

**BIRŻEBBUĠA – PJAN TA' AZZJONI GĦAL UPGRADING FIS-SISTEMA TAD-DRENAĠĠ**

**5498. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 5015, tista' l-Ministru tikkonferma li l-għeluq ta' toroq minħabba l-imsemmija xogħlijiet ma jikkoinċidix mal-għeluq ta' toroq u devjazzjonijiet oħra minħabba xogħlijiet ippjanati ta' manutenzjoni jew proġetti oħra bħal dak ta' ħdejn l-ajruport? Tista' tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra t-traffic management li ser ikun applikat għal kull fażi tax-xogħlijiet imsemmija fil-mistoqsija parlamentari 5015?

20/01/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li s-sejħa għall-offerti għat-tisħiħ tas-sistema tad-drenaġġ f'Birżebbuġa qiegħda fi stadju ta' abbozz. Kif l-abbozz ikun iffinalizzat, s-sejħa ppubblikata, u sussegwentement jiġi ffirmat il-kuntratt, il-kuntrattur magħżul huwa obbligat jissottometti pjan ta' traffic management għall-iskrutinju u l-approvazzjoni ta' Transport Malta

Seduta 80
24/01/2023

**RIMI TA' AFFLUWENTI MINN KUMPANIJA FIS-SISTEMA TAD-DRENAĠĠ**

**5499. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid jekk hemmx il-ħsieb li l-kumpanija li d-dettalji dwarha qed jintbagħtu separatament terġa' titħalla tarmi l-effluwenti tagħha fis-sistema tad-drenaġġ u jekk iva, meta?

20/01/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li rimi ta' effluwenti fis-sistema tad-drenaġġ huwa regolat mil-leġiżlazzjoni sussidjarja S.L.545.08

Seduta 80
24/01/2023

**BIRŻEBBUĠA – PJAN TA' AZZJONI GĦAL UPGRADING FIS-SISTEMA TAD-DRENAĠĠ**

**5500. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 5015, tista' l-Ministru tgħid minn liema fondi ser jitħallas dan l-upgrade?

20/01/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li f'dan l-istadju l-proġett se jiġi ffinanzjat minn fondi lokali, kif inhi l-prassi qabel ma jsir irkupru minn fondi tal-Unjoni Ewropea.

Seduta 80
24/01/2023

**BIRŻEBBUĠA – TRIQ IL-KARMNU U TRIQ GĦAR ĦASAN – XOGĦLIJIET**

**5501. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid meta ser jitlestew ix-xogħlijiet fi Triq il-Karmnu u Triq Għar Ħasan Birżebbuġa, liema xogħlijiet ilhom li bdew mis-sajf li għadda?

20/01/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li bħalissa għaddejja konsultazzjoni ma' l-ERA dwar kif jistghu jitkomplew ix-xogħlijiet fid-dawl tas-sensittivita tas-sit.

Seduta 80
24/01/2023

**MELLIEĦA, MĠARR, NAXXAR U SAN PAWL IL-BAĦAR – TNEĦĦIJA TA' KAROZZI ABBANDUNATI**

**5502. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 5196, jista' l-Ministru jgħid mil-liema toroq tneħħew is-sitt karozzi abbandunati?

20/01/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi verifiki saru fuq tlett vetturi li tneħħew mill-Pulizija għax kienu abbandunati u ttieħdu fil-kumpless tagħhom f'ta'Kandja. Dawn tneħħew minn Triq l-Ibħra, San Pawl il-Baħar, minn Triq il-Kappella ta' Sta Marija in-Naxxar u minn Triq in-Naħal il-Mellieħa. L-ohrajn tneħħew min

aġenzija oħra. Nitlob lill-Onorevoli Membru illi jekk għandha jew trid aktar tagħrif fuq dan is-suġġett li jista' jgħin lill-Pulizija, tgħaddihuli bi kwalunkwe mod anke kunfidenzjali.

Seduta 80
24/01/2023

**MELLIEĦA, MĠARR, NAXXAR U SAN PAWL IL-BAĦAR – TALBIET GĦAL TNEĦĦIJA TA' KAROZZI ABBANDUNATI**

**5503. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Pulizija għandhiex talbiet pendenti sabiex jitneħħew karozzi abbandunati fil-lokalitajiet tal-Mellieħa, l-Imġarr, in-Naxxar u San Pawl il-Baħar separatament għal kull lokalità? Għal kull lokalità fejn jinsabu dawn l-istess karozzi?

20/01/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi l-proċess ta' tneħħija ta' vetturi abbandunati fil-lokalitajiet imsemmija mill Onorevoli Membru huwa kontinwu, bħal ma jsir f'kull parti oħra ta' dawn il-gżejjer. Dan isir kemm mill-Korp tal-Pulizija u kif ukoll entitajiet oħrajn responsabbli.

Seduta 80
24/01/2023

**CHILD CARE CENTRES – LIĊENZJI ĠODDA**

**5504. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm inħarġu liċenzji ġodda għal Child Care Centres matul dawn l-aħħar tliet xhur, jiġifieri fix-xahar ta' Jannar 2023, Diċembru 2022 u Novembru 2022?

20/01/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li s'issa ħarġu tlett reġistrazzjonijiet temporanji matul ix-xhur imsemmija. Skond l-eżitu ta' vista esterna li ssir mid-Direttorat għall-Istandards u l-Kwalita fl-edukazzjoni, jiġi deċiż tingħatax il-liċenjza jew le.

Seduta 80
24/01/2023

**BIRKIRKARA – KULLEĠĠ SANTA TEREŻA – GĦALLIEM GĦAL KLASSI 5.2**

**5505. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-Iskola Primarja ta' Birkirkara (Kulleġġ Santa Tereża) hux se tingħata għalliem/a sabiex il-klassi 5.2 ma tibqax mingħajr għalliem? Jekk le, x'inhi r-raġuni u x'inhu l-pjan biex it-tfal f'din il-klassi jingħataw l-edukazzjoni tagħhom?

20/01/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 80
24/01/2023

**BIRKIRKARA – KULLEĠĠ SANTA TEREŻA – XOGĦOL FUQ L-APERTURI U L-BIBIEN**

**5506. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid meta se jibda x-xogħol fuq l-aperturi u l-bibien fl-Iskola Primarja ta' Birkirkara (Kulleġġ Santa Tereża)?

20/01/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar.

Seduta 80
24/01/2023

**POSTIJIET TAX-XOGĦOL - INSPECTIONS**

**5510. L-ONOR. KATYA DE GIOVANNI** staqsiet lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kemm saru inspections fuq il-postijiet tax-xogħol fis-sena 2022?

20/01/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li matul is-sena 2022, saru 4387 spezzjoni minn uffiċċjali għas-Saħħa u s-Sigurta fuq il-Post tax-Xogħol.

Seduta 80
24/01/2023